A.L. 102 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.54.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2022:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara s-7 ta' Marzu 2022 għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel proviso tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(b) fit-tieni proviso tiegħu, il-kliem "Iżda wkoll il-bars," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda l-bars,".